Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 298/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Chetcuti u Simone Zammit Endrich**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Chetcuti bhala Editur tal-gurnal The Malta Independent u Simone Zammit Endrich bhala artikolista, talli permezz ta' l-artikolu intitolat "Bitter Harvest" li deher fl-imsemmi gurnal The Malta Independent datat 22 ta' April, 2002 heddew, insultaw jew esponew ghal mibeghda, persekuzzjoni jew disprezz lil xi persuna jew grupp ta' persuni minhabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalita`, sess jew origini nazzjonali jew etnika;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmija Stephen Chetcuti u Simone Zammit Endrich hatja li insultaw jew esponew ghal disprezz grupp ta' persuni minhabba r-razza, twemmin u origini nazzjonali jew etnika taghhom, u kkundannathom multa "simbolika" ta' ghaxar liri (Lm10) kull wiehed (u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 ta' Kodici Kriminali);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Chetcuti u Endrich, minnhom ippresentat fit-2 ta' Dicembru, 2002, li permezz tieghu talbu ir-revoka tal-imsemmija sentenza "u dan bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra li tista' tittiehed dwar li t-tkomplija tal-proceduri tivvjola d-drittijiet fondamentali tal-esponenti" (cioe` tal-appellanti);

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**Preliminari**

L-appell fil-konfront ta' Stephen Chetcuti gie dikjarat dezert illum 7 ta' Novembru, 2003 u dan peress li l-istess Chetcuti naqas li jidher ghall-udjenza. Ghalhekk din is-sentenza qed tinghata biss fil-konfront ta' Simone Zammit Endrich.

Il-provi f'dan il-kaz kienu jikkonsistu, ghall-prosekuzzjoni fid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Martin Sammut, li ezibixxa kopja ta' l-artikolu inkriminat u kwerela, u, ghad-difiza fid-deposizzjoni tal-imputata, illum appellanti, Simone Zammit Endrich. L-Ispettur Sammut fisser li huwa kien ircieva kwerela iffirmata minn avukat li kienet tghid li zewg cittadini Maltin pero` ta' nisel Gharbi (l-ismijiet taghhom flimkien man-numru tal-karta` ta' l-identita` giet indikata fil-kwerela) kienu hassewhom imwegga' bl-artikolu aktar 'l fuq imsemmi. Il-kwerela kienet tkompli tghid li l-artikolu, specjalment parti partikolari li kienet inghatat prominenza b'tipi kbar ("box effect" jew "box highlight") fin-naha t'isfel ta' l-artiklu, kienet tammonta ghal ksur tal-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248. Kompla jghid l-avukat fil-kwerela li l-imsemmija zewg Maltin ta' nisel Gharbi kienu stennew li fil-granet wara l-pubblikazzjoni tal-artiklu in kwistjoni il-Pulizija kienet ser ticcaqlaq – stante li l-Arikolu

6 jikkontempla reat prosegwibbli *ex officio* – izda peress li kien jidher li l-Pulizija ma kientx hadet passi, kienu qieghdin jigbdu l-attenzjoni tal-Pulizija ghall-kommissjoni ta' dan ir-reat u jitolbu lill-istess Pulizija sabiex jittiehdu passi kontra l-kittieba u kontra l-editur. Saret ukoll il-prova, permezz ta' dokument ufficjali mahrug mir-Registratur ta' l-Istampa (u ezibit mill-istess Spettur), li Stephen Chetcuti kien l-editur tal-gurnal fil-gurnata tal-pubblikazzjoni relattiva.

Simone Zammit Endrich fid-deposizzjoni taghha tal-10 ta' Ottubru, 2002 spjegat fil-qosor ghala hasset li kellha tikteb l-artiklu in kwistjoni, spjegazzjoni li pero` din il-Qorti ma tarax li hi relevanti ghall-meritu tal-kaz kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem.

**Il-Ligi**

L-appellanti gew akkuzati taht l-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248, introdott f'din il-ligi permezz tal-Att X tal-1996. Dan l-artikolu – li n-nota marginali tieghu tghid "Razzizmu u reati simili" – jipprovdi hekk:

**Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3[1] ta' dan l-Att, jhedded, jinsulta jew jesponi ghal mibeghda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta' persuni minhabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalita`, sess, dizabilita` kif definita fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita`, Kap. 413, jew origini nazzjonali jew etnika jehel meta jinsab hati prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur u multa.**

Filwaqt li d-delitt tal-malafama ("defamatory libel") huwa intiz biex jipprotegi r-reputazzjoni tal-persuna, dan ir-reat huwa intiz sabiex jipprotegi "persuna jew grupp ta' persuni" minn theddid, insulti, mibeghda, persekuzzjoni jew disprezz, perpetrati b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3, li jkollhom bhala bazi r-razza, it-twemmin, il-kulur, in-

[1] L-Artikolu 3 jipprovdi li "Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir".

nazzjonalita` ecc. ta’ dik il-persuna jew ta’ dak il-grupp ta’ persuni. Ma hemmx ghalfejn li dak li jinkiteb jew jixxandar ikun intiz biex jhedded, jinsulta, jew jesponi ghal mibeghda, persekuzzjoni jew disprezz minhabba xi wahda mir-ragunijiet appena msemmija (cioe` razza, twemmin, ecc.); ikun bizzejjed jekk dak li jinkiteb jew jixxandar ikollu dik it-tendenza, u dan konformement mal-principji generali tal-ligi in tema ta’ libell. S’intendi jekk stampat jew xandira ikollux jew ikollhiex tali tendenza jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz.

**L-Istampat Inkriminat**

Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, il-bran li jolqtok l-aktar fl-artiklu ta’ l-appellanti Zammit Endrich huwa dak li effettivement l-editur tal-gazzetta ghazel li jislet biex ipoggih fi speci ta’ kaxxa u b’tipi kbar. Dan il-bran, pero`, huwa parti zghira biss mill-artkolu kollu. Il-bran partikolari jghid hekk:

**The typical Jew is clever, quick, perceptive, industrious, able in all economic and financial affairs, in short – successful. On the flipside, the typical Arab is lazy and confined to religious idiosyncrasies, with violence and intolerence at the hub of his culture. Arabs loathe the Israelis in very much the same manner they harbour anti-American sentiments. They are the embodiment of all they would have liked to be.**

Huwa dan il-bran li l-ewwel qorti ddefinit bhala “deskrizzjoni razzista [tal-gens Gharbi] fil-veru sens tal-kelma u [deskrizzjoni] mhux provokata minn xi fatt jew fattur determinanti li jwassluha ghal tali konkluzzjoni”.

**L-Aggravji ta’ l-Appellanti**

L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti hu bazikament fis-sens li huma ma thallewx igibu l-provi taghhom. Huma jallegaw li l-ewwel qorti donnha ma riditx tisma’ provi, u li addirittura l-Magistrat sedenti tahom x’jifmu fil-kors tad-dibattiment “li tant kien sagrosant id-dritt ghal-liberta` ta’ espressjoni illi ma kienx ser isib lill-esponenti hatjin ta’ l-imputazzjoni li

biha gew akkuzati". Jallegaw ukoll li l-avukat difensur taghhom – li hu wkoll firmatarju tar-rikors ta' appell – kien qal lill-ewwel qorti li huwa kellu "numru konsiderevoli ta' provi", izda dik il-qorti riedet toqghod biss fuq il-kitba li kien hemm, cioe` fuq il-kopja tal-artiklu li kienet giet ippresentata. L-appellant Chetcuti jallega, inoltre, "li minhabba l-attitudini rigida tal-Magistrat, lanqas kellu l-opportunita` li jixhed" u li "id-dritt li jaghti x-xhieda tieghu fil-proceduri kontra tieghu gie ppregudikat mill-Qorti stess".

Din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tikwalifika dana l-aggravju mhux biss bhala wiehed fieragh izda bhala razenti d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti Inferjuri. Huwa principju elementari li jekk fil-kors ta' xi proceduri gudizzjarji parti tkun trid taghmel xi sottomissjoni jew tipproduci xi provi u l-qorti ma thallihiex, u jekk dik il-qorti ma tkunx irregistrat, jew irregistrat tajjeb, dan il-fatt, dik il-parti ghandha mhux biss <u>id-dritt</u> izda, jekk trid tipprevalixxi ruhha minn xi rimedju quddiem xi qorti ohra, ghandha addirittura <u>l-obbligu</u> li tirregistra l-posizzjoni taghha permezz ta' verbal. Addirittura jekk qorti timpedixxi lil xi parti milli tirregistra tali verbal, dik il-parti ghandha dritt li tipprezenta dak il-verbal permezz ta' nota fir-registru. Altrimenti kif tista' qorti tat-tieni istanza tiddetermina dak li jkun gara fis-seduta quddiem il-qorti ta' l-ewwel istanza meta l-allegazzjoni hi li dik l-ewwel qorti naqset milli tisma', jew irrifjutat li tisma', provi? Xi prova jippretendu l-appellanti li din il-Qorti tisma' biex, skond huma, jippruvaw l-insistenza tal-Magistrat "li ma kellux jisma' provi"? Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, <u>jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza</u>. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wiehed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li <u>ma jinghad assolutament xejn specifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tieghu</u> – din il-Qorti necessarjament trid toqghod fuq il-verbal jew verbali li jkunu. F'dan il-kaz il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 huwa car:

**Meta ssejhet il-kwerela dehru l-kwerelati assistiti minn Dr. Tonio Azzopardi.**
**Wara li nqrat l-akkuza, il-kwerelati wiegbu li ma humiex hatja.**
**Xehed l-Ispettur Martin Sammut.**
**Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghadhiex aktar provi.**
**Xehdet Simone Zammit Endrich.**
**Il-kwerelat Stephen Chetcuti jiddikjara li mhux ser jaghti d-deposizzjoni tieghu.**
**Il-kwerelati jiddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jgibu.**
**Saret it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Tordna li l-kawza tigi differita ghall-20 ta' Novembru, 2002 ghas-sentenza.**

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta cahdet "it-talba taghhom biex issir riferenza kostituzzjonali lill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla". L-appellanti qeghdin jitolbu li, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati cahdet tali talba bhala "frivola u vessatorja", din il-Qorti – cioe` il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ghandha issa hi tordna li ssir tali riferenza peress li "l-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni kriminali tikkostitwixxi vjolazzjoni ghad-dritt taghhom ghal-liberta` tal-espressjoni protetta mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea".

A propositu ta' dana l-aggravju, dak li gara kien dan: wara li kienet giet presentata u registrata fir-registru c-citazzjoni kontra Zammit Endrich u Chetcuti, izda qabel l-ewwel udjenza (li kienet iffissata ghad-9 ta' Ottubru, 2002), l-imputati ppresentaw rikors quddiem il-Qorti Inferjuri fit-2 ta' Ottubru, 2002. Fih allegaw li "l-proceduri kriminali odjerni jikkostitwixxu interferenza li zgur mhix "neccessarja f'socjeta` demokratika"", u ghalhekk talbu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex

**…a tenur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tibghat dawn l-atti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla sabiex tezamina l-kwistjoni kostituzzjonali mqanqla b'dan ir-**

**rikors u tiddikjara illi t-tehid tal-proceduri kriminali kontra l-esponenti kif fuq inghad jikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-artkolu 41 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 10 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319.**

Il-Qorti tal-Magistrati, b’digriet data 3 ta’ Ottubru, 2002, cahdet din it-talba billi ddikjarat l-istess talba bhala “frivola u vessatorja”, u ordnat is-simgh tal-kawza kif previst, cioe` fid-9 ta’ Ottubru. Issa, kif inhu risaput, minn tali decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ma hemmx appell – ara l-Artkolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319. L-appellanti ghalhekk ma jistghux issa jinqdew b’dawn il-proceduri ta’ l-Appell Kriminali biex indirettament jappellaw (lil din il-Qorti) minn dik id-decizjoni – cioe` jaghmlu indirettament dak li direttament ma jistghux jaghmlu. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Jibqa’ ghalhekk biex jigi determinat it-tielet aggravju, li huwa l-aggravju fil-meritu. L-appellanti jikkontendu li in tema ta’ dritt penali huma ma kellhomx jinstabu hatja kif effettivament instabu. A propostu ta’ dana l-aggravju, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Ma hemmx dubbju li l-liberta` ta’ l-istampa kif ukoll il-liberta` ta’ l-espressjoni huma fondamentali f’socjeta` demokratika, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta` ta’ espressjoni u ta’ l-istampa. Fost dawn id-drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi r-reputazzjoni taghha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta’ persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, ir-razza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha[2]. Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga’ jerfa rasu f’diversi pajjizi – fatt dan li din il-Qorti tista’ tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu – u huwa proprju ghalhekk li hafna

[2] Din il-Qorti qed tillimita ruhha, ghal dawk li huma d-diversi ipotesijiet kontemplati fl-Artikolu 6 in dizamina, ghal dak li effettivament l-appellant gew misjuba hatja.

pajjizi (inkluza Malta[3]) u l-komunita` internazzjonali jghaddu lijigiet u jiehdu mizuri biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali.

2. Kuntrarjament ghal dak li qed jissotomettu l-appellanti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Kap. 248 ma jirrikjedix li min ikun kiteb jew ippublika l-artiklu in kwistjoni ikollu “l-intenzjoni” li jinsulta jew li jesponi ghal disprezz lil xi persuna jew grupp ta’ persuni minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess disposizzjoni; kif diga nghad, huwa bizzejjed jekk dak li jkun gie stampat (jew dak li jkun gie mxandar, skond il-kaz) ikun minnu nnifsu jtendi li hekk jinsulta jew jesponi ghal disprezz. Jigifieri jekk, bhala fatt, meta qarrej ta’ intelligenza ordinarja jaqra l-artiklu, dak il-qarrej tista’ tonqoslu f’mohhu l-istima ghal dik il-persuna jew ghal dak il-grupp ta’ persuni minhabba dak li jkun qara dwar dik il-persuna jew dak il-grupp, allura f’dak il-kaz ikun hemm ir-reat. Biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni hu evidenti li trid taqara l-artiklu kollu kemm hu biex tara dan, kollu kemm hu jew partijiet minnu, x’impatt jista’ jhalli fuq il-qarrej ta’ intelligenza ordinarja. L-ezercizju, ghalhekk, irid isir principalment mill-qorti, u mhux mehtieg li jingiebu persuni bhala xhieda biex jghidu huma x’fehmu jew ghal liema konkluzjoni waslu ghaliha wara li qraw l-artiklu. Jidher li kien proprju ghalhekk, infatti, li l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz ma ressqet ebda xhud partikolari f’dan is-sens, anqas lit-tnejn min-nies imsemmija fil-kwerela. Meta tigi biex taghmel dan l-ezercizzju, il-qorti trid ukoll izzomm quddiem ghajnejha id-distinzjoni bejn kumment u fatt: xi haga li tkun l-espressjoni ta’ kumment jew opinjoni necessarjament thalli ferm anqas impatt fuq il-qarrej minn dak li jigi presentat (tajjeb jew hazin) bhala xi fatt innegabbli.

3. Din il-Qorti qrat diversi drabi l-artiklu kollu in kwistjoni, u hi propensa li f’dan il-kaz partikolari tikkoncedi l-beneficcju tad-dubbju lill-appellanti. Is-silta mill-artiklu aktar ‘l fuq citata hija fil-fatt <u>parti zghira hafna</u> minn artiklu mifrux fuq erba’ kolonni ta’ faccata shiha tal-gazzetta The Malta

[3] Ara, fost ohrajn, l-Artikolu 82A tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att III ta’ l-2002.

Independent. L-artiklu hu, bazikament, analizi maghmul mill-appellanti Zammit Endrich ghala hemm tant glied u mibeghda fil-Lvant Nofsani bejn il-poplu Palestinjan u l-Lhud. L-artikolista evidentement tiehu l-parti tal-Lhud, fis-sens li aktar turi simpatija lejn l-atteggjament tal-Lhud fil-kwistjoni kollha milli lejn l-atteggjament tal-Palestinjani – haga, din, pero` li ghandha kull dritt taghmilha. Hija tikkoncedi li la l-Palestinjani u lanqas il-Lhud donnhom ma jridu verament il-paci fil-Lvant Nofsani, u taghti r-ragunijiet ghala, fil-fehma taghha, dan qed isehh. Fil-kolonna intestata "The anti-Semitic cult" l-appellanti Zammit Endrich, imbghad, taghti l-fehma taghha ghala l-Musulmani illum huma "the most vibrant and explicit anti-Semites" (il-Qorti hawnhekk tinnota li l-artikolista donnha tuza l-kliem "Muslims", "Palestinians" u "Arabs" bhallikieku jirreferu ghall-istess haga); hi tghid li dan hu dovut ghall-fatt li l-Gharab jghiru ghal-Lhud. Hu proprju f'dan il-kuntest – cioe` bhala spjegazzjoni ghala, fil-fehma taghha, l-Gharab jghiru ghal-Lhud – li tidhol is-silta li l-editur ghazel li jaghtiha prominenza billi jirriproduciha wkoll f'kaxxa b'tipi kbar. Frankament din il-Qorti hi konvinta illi kieku l-editur ma tax dan ir-rizalt lil din is-silta, hadd ma kien jaghti xi importanza partikolari lil dana l-artiklu. Huwa veru li l-paragrafu proprju jibda bil-kliem *"As a matter of fact, the typical Jew is clever…"*, izda fil-fehma ta' din il-Qorti qarrej ordinarju mill-ewwel jirrealizza li hawn l-artikolista qeghda taghti l-opinjoni personali taghha, u mhux tippresenta xi fatt inkontestat. Fi kliem iehor, hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li qarrej ordinarju li jaqra <u>l-artiklu kollu</u> ma tanqoslux, u lanqas ragjonevolment tista' tonqoslu, f'mohhu l-istima li jista' jkollu ghall-persuna jew ghal dak il-grupp ta' persuni (fosthom l-Gharab) li ghalih jirreferi l-artiklu; pjuttost il-qarrej jitratta l-artiklu ta' dak li hu, cioe` wiehed li jitratta problema delikata u kumplessa hafna, miktub minn persuna pregudikata u li ghandha ideja superficjali hafna tal-kultura Islamika. Kienet tkun differenti il-posizzjoni legali li kieku, per ezempju, l-artikolista wriet, bil-kliem li tkun ghazlet li tuza, xi akkaniment partikolari jew efferratezza kontra xi persuna jew grupp ta' persuni, jew li kieku kien hemm kliem li jistghu jammontaw ghal incitament biex il-qarrej jirritalja b'xi mod, ikun li jkun, kontra dik il-persuna jew dak il-grupp ta' persuni.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill- appellanti Simone Zammit Endrich minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------